**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta’ Frar 2025**

Rikors Numru: 598/2024 AL

A B

U

C B

(M.R. Numru 2750/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors kongunt li gie kkonfermat bil-gurament mill-partijiet li permezz tieghu esponew:

1) Illi l-kontendenti partijiet kkuntrattaw zwieg nhar it-12 ta' Ottubru tas-sena 2013, gewwa l-Knisja Parrokjali taz-Zabbar, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta 1866/2013 u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2) Illi l-kontendenti partijiet addivjenew ghall-kuntratt ta' firda personali in atti Nutar Dottor Brenda Jane Camileri Vella, fit-28 ta' Novembru tas-sena 2022, b'dan illi minn dik-data 'l quddiem l-istess partijiet rregolaw

*de jure* l-aspetti kollha tas-separazzjoni personali taghhom u dan kif jirrizulta mil-kuntratt ta' firda personali hawn anness u mmarkat bhala Dok

3) Illi m'hemm l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress li matul is- separazzjoni qatt ma reġgħu marru lura flimkien.

4) Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment jew assistenza minghand xulxin;

5) Illi mill-imsemmi zwieg l-istess partijiet kellhom tifla wahda bl-isem ta' L V B u l-istess wild qieghda tircievi manteniment adegwat fil-konfrot taghha minghand iz-zewg genituri meta tkun that il-kustodju taghhom u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment ghalkemm mhux identifikati fil-kuntratt stante co-parenting, pero kull bzonn tal-minuri huwa regolat ai termini fl- istess kuntratt ta' firda personali u konsegwentement ma tezisti ebda' kwestjoni f'dan ir-rigward;

6) Illi in vista tal-premess jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

7) Illi in oltre l-parti A B, tixtieq li permezz ta' din il-procedura hawn prezenti titlob ukoll f'dan l-istadju li tvarja kunjomha billi tirriverti ghal kunjom taghha ta' xebba li huwa D u ghalhekk ha taghmel talba f'dan is-sens ukoll;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti **A B u C B** konguntivament bejniethom umilment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna u tawtorizza lil A B tirriverti ghal kunjom xbubitha li huwa D;

3. Il-Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, kif ukoll bit-tibdiel fil-kunjom ta' A B biex jirregistra dan it-tibdiel fil- kunjom kif ukoll id-divorzju hawn moghti, skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta’ Jannar 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti A B qeghda titlob biex tkun awtorizzata sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u u cioe’ “D” u l-Qorti qeghda tilqa` din it-talba;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Novembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti A B sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “D”, qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-passi kollha mehtiega sabiex ir-rikorrenti A B tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “D”.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.